MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 36/2013

**Charmaine Farrugia u Jimmy Sacco**

**vs**

**Il-Ministru ghall-Familja u Solidarjeta' Socjali;**
**Id-Direttur tad-Dipartiment responsabbli ghall-Harsien Socjali;**
**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezentaw fid-29 ta' April 2013, li jaqra hekk:

Illi r-rikorrenti Charmaine Farrugia hija omm zewg minuri u cioe' Kiran Romeo Cesare li twieled fit-tmienja (8) ta' Lulju

tas-sena 2010 u Darren Sacco li twieled fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena 2012.

Illi r-rikorrenti l-iehor Jimmy Sacco huwa missier il-minuri Darren Sacco, u dan kif jirrizulta mill-Att Pubbliku li sar fl-Atti tan-Nutar Dr. Josef Masini Vento fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013), anness u mmarkat bhala 'Dokument A'.

Illi fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), ir-rikorrenti gew infurmati li kienet inharget Ordni tal-Harsien temporanja a favur iz-zewg minuri u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati 'Dokument B' u 'Dokument C'.

Illi dakinhar, il-minuri Darren Sacco kien ittiehed bil-forza minghand ir-rikorrenti wara li huma gew mghajta l-ghassa, u l-minuri Kiran kien rikoverat l-isptar Mater Dei wara li waqa' minn fuq is-sodda tieghu u wegga' rasu u garrab griehi serji fl-iskutella ta' rasu minhabba l-istess waqa'.

Illi r-rikorrenti gew infurmati li l-imsemmija Ordni ghall-Harsien kienet harget minhabba li l-minuri Kiran kien rikoverat l-isptar Mater Dei wara li r-rikorrenti kien daru ghall-ghajnuna ghand l-Isptar Mater Dei u ddahhlu b'emergenza permezz ta' Ambulanza wara li l-minuri Kiran kien wegga' u kiser l-iskutella ta' rasu wara li huwa kien waqa' minn fuq is-sodda tar-residenza fejn jghixu r-rikorrenti waqt li huwa kien rieqed.

Illi sussegwentement, u cioe' fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena 2013, harget l-Ordni ghall-Harsien ai termini tal-Artikolu 4 tal-Att tal-1980 dwar Tfal u Zghazagh (Ordnijiet ghall-Harsien) a favur iz-zewg minuri u dan kif jirrizulta mill-annessa dokumentazzjoni mmarkata 'Dokument D' u 'Dokument E'.

Illi r-rikorrenti oggezzjonaw verbalment u kif ukoll bil-miktub ghall-imsemmija Ordnijiet ghall-Harsien u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati 'Dokument F' u 'Dokument G'.

Illi fid-disgha (9) ta’ April tas-sena 2013, instemghu l-imsemmija Ordnijiet ghall-Harsien quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti kkontestaw bil-qawwa kollha l-imsemmija Ordinijiet tal-Harsien, b’zewg sentenzi tad-disgha (9) ta’ April tas-sena 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni ddecidiet li l-Ordni ghall-Harsien a favur iz-zewg minuri ghandha tibqa fis-sehh, kopji tas-sentenzi hawn annessi u mmarkati bhala ‘Dokument H’ u ‘Dokument I’.

Illi l-imsemmija sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni ma fihom l-ebda raguni jew motivazzjoni li skont il-ligi jaghtu lok ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta’ Malta li ghaliha jenhtieg li jinhareg Ordni ghall-Harsien, protezzjoni jew kontroll a favur il-minuri Kiran Romeo Cesare u Darren Sacco u wisq inqas ma kien jirrizulta li hemm tali htiega mill-provi li tressqu waqt l-imsemmija smigh u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minhabba din id-decizjoni arbitratja, illegali u infondata, ir-rikorrenti qieghdin jigu pregudikati fid-dritt taghhom ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom skont kif sanat fl-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Illi s-subartikoli (2) tal-istess Artikolu 8 jipprovdi li: ‘*Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita’ pubblika dwar l-ezercizzju ta’ dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f’socjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta’ nazzjonali, sigurta’ pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta’ delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ haddiehor.’*

Illi in oltre, hemm ksur lampanti tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress li ma hemmx

rimedju taht l-Att tal-1980 dwar it-Tfal u z-Zghazagh (Ordnijiet ghall-Harsien) biex la darba jinhareg Ordni ghall-Harsien, decizjoni bhal dik tkun mistharrga minn Qorti imparzjali u indipendenti u li r-revizjoni ta’ Ordni bhal dak tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hu stess li hareg ordni bhal dak;

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li r-rikorrenti qeghdin igarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom taht l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress li ma hemmx rimedju taht l-Att tal-1980 dwar it-Tfal u z-zghazagh (Ordnijiet ghall-Harsien) biex la darba jinhareg Ordni ghall-Helsien, decizjoni bhal dik tkun mistharrga minn Qorti imparzjali u indipendenti u li r-revizjoni ta’ ordni bhal dak tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hu stess li hareg ordni bhal dak;

Tiddikjara li r-rikorrenti qeghdin igarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress illi minhabba din id-decizjoni arbitrarja, illegali u infondata, ir-rikorrenti qeghdin jigu pregudikati fid-dritt taghhom ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom u dana skont kif sanat fl-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress li kif jipprovdi l-istess subartikolu (2) tal-istess Artikolu 8 ‘*Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita’ pubblika dwar l-ezercizzju ta’ dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f’socjeta’ demokratika fl-interessi tas-sigurta’ nazzjonali, sigurta’ pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta’ delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ haddiehor.*’

Tordna t-thassir tal-Ordni tal-Harsien moghti fil-konfront tal-minuri Kiran Romeo Cesare u dan fic-cirkostanzi

partikolari tal-kaz u in vista tal-vjolazzjoni palesi tal-imsemmija principji;

Tordna t-thassir tal-Ordni tal-Harsien moghti fil-konfront tal-minuri Darren Sacco u dan fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u in vista tal-vjolazzjoni palesi tal-imsemmija principji;

Taghti kull rimedju effettiv ghall-vjolazzjonijiet lamentati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati, li in forza taghha eccepew illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva. Mill-fatti partikolari ta' dan il-każ jirriżulta li r-rikorrenti għamlu oġġezzjoni mill-Ordni għall-Ħarsien fat-28 ta' Marzu 2013 fil-konfront ta' Darren Farrugia u Kiran Romeo Cesare, liema oġġezzjonijiet ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Minorenni fid-9 ta' April 2013. Mill-premessi ma jirriżultax li wara l-imsemmija deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Minorenni r-rikorrenti effettivament talbu lill-esponent Ministru għal xi reviżjoni tal-*Care Orders* in kwistjoni u għaldaqstant l-azzjoni odjerna hija intempestiva;

Essenzjalment, l-ilment tar-rikorrenti huwa li huma ma qablux mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Minorenni. B'kull dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha għandha l-kompitu illi tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-oħra biex tiddeciedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le;

Effettivament, ma kien hemm l-ebda bdil fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti u għalhekk l-azzjoni odjerna, in kwantu intiża biss bħala eżerċizzju akkademiku, hija nulla u nsostenibbli;

Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tal-esponenti għandhom jiġu respinti għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Permezz tal-ewwel talba ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li '*ir-rikorrenti qegħdin iġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress li ma hemmx rimedju taħt l-Att tal-1980 dwar it-Tfal u Żagħżagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) biex la darba jinħareġ Ordni għall-Ħarsien deċiżjoni bħal dik tkun mistħarrġa minn Qorti imparzjali u indipendenti u li r-reviżjoni ta' ordni bħal dak tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hu stess li ħareġ ordni bħal dak*';

It-talba tar-rikorrenti hija bir-rispett kollu infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt in kwantu ma hemm l-ebda ksur tal-Artikoli 6(1) u 13 fiċ-ċirkostanzi odjerni;

Mill-aspett fattwali, dawn l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet huma speċjalment iżda mhux biss infondati in kwantu intempestivi kif spjegat aktar 'l fuq;

Di piú u dejjem mingħajr preġudizzju, l-imsemmija allegazzjonijiet u pretensjonijiet huma ukoll infondati legalment. Il-Kap 285 u ir-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 285.01, jipprovdu għall-garanziji kollha neċessarju li jilħqu l-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi tal-minuri u tal-ġenituri naturali fost oħrajn sabiex il-*Care Orderma tibqax in vigore aktar milli meħtieġ;*

La darba toħroġ *Care Order*, l-imsemmija Regolamenti jistabilixxu proċedura sħiħa ta' *case reviews* regolari mhux biss tat-tfal imma anke tar-rikorrenti li allura ma huma qed jiġu negati minn ebda dritt li jinstemgħu u dejjem hemm il-possibiltà li f'każ ta' bdil fiċ-ċirkostanzi l-*Care Order* mhijiex legalment irrevokabbli kif jirriżulta mill-Artikolu 4(5) tal-Kap 285;

Isegwi għalhekk li li l-allegat ksur ma jissusstixxix u kull talba f'dan is-sens għandha fl-umli fehma tal-esponenti tiġi miċħuda;

Permezz tal-ewwel talba r-rikorrenti qegħdin ukoll jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li '*r-rikorrenti qiegħdin iġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress illi minħabba din id-deċiżjoni arbitrarja, illegali u nfondata, r-rikorrenti qiegħdin jiġu preġudikati fid-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja tagħhom u dana skont kif sanat fl-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress li kif jipprovdi l-istess subartikolu (2) tal-istess Artikolu 8 ...'*

Bir-rispett kollu, kull allegazzjoni f'dan is-sens hija ukoll infondata. Għalkemm l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipproteġi d-dritt ta' kull individwu għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, f'każijiet li jikkonċernaw minuri, bħal fil-każ in diżamina, hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jieħdu in kunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-minuri konċernati;

Inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk kellu jiġi meqjus minn din l-Onorabbli Qorti li hemm interferenza fir-rigward ta' dan id-dritt, l-esponenti jeċċepixxu li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu tal-istess Artikolu in kwantu huwa skont il-liġi u meħtieġ f'soċjetà demokratika;

Effettivament, l-iskop u l-funzjoni tal-Kap. 285 huwa propju li jiggarantixxi rispett lejn il-ħajja, id-dinjità, kura u protezzjoni tal-minorenni minn '*ħajja familjari'* li kienet qed tkun ta' detriment serju għal ħajja fiżika, mentali u psikoloġika tal-minorenni bħala ma huma l-fattispeċie tal-każ odjern;

Għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif allegat mir-rikorrenti;

Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet u r-raba’ talbiet tar-rikorrenti huma nulli u fl-umli fehma tal-esponenti insostenibbli stante li dan mhux il-forum idonju fejn tista’ tintalab dikjarazzjoni li l-Ordni tal-Ħarsien mogħtija fil-konfront tal-minuri Kiran Romeo Cesare u Darren Sacco jiġu mħassra;

F’kull każ u mingħajr preġudizzju, kull allegazzjoni li s-sentenzi mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Minorenni ma fihom l-ebda raġuni jew motivazzjoni li tiġġustifika l-ħruġ tal-Ordni għall-Ħarsien hija manifestament infondata u vessatorja. L-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Minorenni semgħat u kkunsidrat bir-reqqa l-provi kollha prodotti quddiemha li mmilitaw favur il-konferma tad-deċiżjonijiet tal-esponent Ministru għall-ħruġ tal-Ordni għall-Ħarsien fil-konfront tal-Minuri Kiran Romeo Cesare u Darren Farrugia u ġustament iddeċidiet billi, permezz tad-deċiżjonijiet tad-9 ta’ April 2013, tiċħad l-oġġezzjoni magħmula mir-rikorrenti u li l-Ordni għall-Ħarsien fil-konfront tal-imsemmija minuri għandha tibqa fis-seħħ;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ksur tal-artikoli 6(1), 8 u/jew 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif minnhom allegat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti tal-process marbuta mal-Ordni ghall-Harsien a favur Darren Farrugia u tal-process marbuta mal-Ordni ghall-Harsien a favur Kiran Romeo Cesare, it-tnejn decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni fid-9 ta’ April 2013;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dawn huma proceduri fejn qed jigi allegat li l-care orders mahruga fit-28 ta’ Marzu 2013 mill-Ministru ghall-Familja u Solidarjeta’ Socjali fil-konfront tal-minuri Kiran Romeo Cesare ta’ 3 snin u Darren Sacco/Farrugia ta’ 8 xhur, jivvjolaw id-drittijiet tal-familja tar-rikorrenti u d-dritt taghhom ghal smigh xieraq. Ir-rikorrenti Charmaine Farrugia hija omm iz-zewg minuri, waqt li missier Kiran huwa certu Julian Charles Cesare u missier Darren huwa r-rikorrenti Jimmy Sacco, li mieghu r-rikorrenti qed tikkoabita. Wara l-hrug tal-care orders, omm il-minuri oggezzjonat kontra l-hrug u l-kaz ittiehed biex jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni. Dik il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda prodotti, inkluz mill-omm, tat is-sentenzi taghha fid-9 ta’ April 2013 u kkonfermat il-hrug tal-care orders fiz-zewg kazi.

Din il-Qorti tibda biex tirribadixxi li bhala Qorti b’kompetenza kostituzzjonali/konvenzjonali ma tistax isservi bhala qorti tat-tielet grad, ossia bhala qorti tal-appell, minn decizjoni li maghha r-rikorrent ma jaqbilx. mhix kompetenza ta’ din il-Qorti tirrevedi l-meritu tal-kaz u d-diskrezzjoni tal-Qorti, izda li trid tara huwa jekk lir-rikorrenti nghatawx smigh xieraq u li l-Qorti aditta kkunsidrat l-interess tal-minuri u tal-familja fil-kaz. L-ordni in kwistjoni giet debitament mistharrga mill-qorti kompetenti, u r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jkollhom stharrig tal-kaz sakemm ikun hemm tribunal li fl-ahhar jiddeciedi favur taghhom. Ma jezistix, fil-kamp civili, dritt ta’ appell bhala dritt fundamentali tal-bniedem u sakemm dak li jkun ikollu cans wiehed li jitlob rimedju ghal-lanjanzi tieghu quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, ma hemmx lok ta’ stharrig ulterjuri, diment li l-process quddiem il-Qorti jkun wiehed gust. F’dan il-kaz, il-Qorti kompetenti kienet zgur imparzjali u indipendenti, u dak li jrid jigi mistharreg hu jekk il-process, fit-totalita’ tieghu, kienx wiehed gust u jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, gewx mehuda in konsiderazzjoni l-aspetti marbuta mal-

protezzjoni tal-familja. Mill-premess, ghandu jirrizulta car li, f'kaz ta' hrug ta' care orders, hemm rimedju effettiv ghal-lanjanzi tal-persuni milquta, u allura dak li jrid l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghandu jitqies sodisfatt. Jirrizulta li, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti oggezzjonat verbalment, u malli saret din l-oppozizzjoni, il-kaz tressaq mill-ewwel ghal quddiem il-Qorti kompetenti. Dik il-Qorti ghandha termini stabbiliti bil-ligi biex tisma' l-kaz b'urgenza, u hekk fil-fatt sar. Dik il-Qorti wkoll ghandha setghat wiesgha fir-rigward tal-kazijiet imressqa quddiemha, u setghet taghti kull rimedju li jidhrilha opportun fil-kaz. Ghall-ilmenti tar-rikorrenti, il-Qorti kienet kompetenti taghti rimedji opportuni u kif inghad, darba li possibilita' ta' rimedju effettiv jezisti, mhux il-kaz li jista' jinghad li hemm ksur tal-artikolu 13.

Dwar il-fatt li, fil-futur, ir-rikorrenti jista' ma jkollhomx rimedju, jekk u meta jitolbu revizjoni tal-ordnijiet u dan peress li r-revoka tal-care orders hija diskrezzjonali f'idejn il-Ministru responsabbli, ghandu jinghad illi, kif jirrizulta, il-kaz tal-minuri se jibda jinstema' fil-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u z-Zghazagh kull sitt xhur u omm il-minuri tkun mistiedna tattendi ghall-imsemmija laqghat. Ghalkemm it-tfal tpoggew taht foster care, il-kuntatt tal-genituri mat-tfal mhux se jigi mcahhad peress illi dawn ikunu jistghu jattendu laqghat tal-access mal-minuri b'supervizzjoni. Dan ifisser li l-care order ma cahditx lill-genituri la mid-drittijiet taghhom ta' "genituri" skont il-ligi u lanqas mid-dritt tal-access. Fil-kaz, "<u>B vs United Kingdom</u>", deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Lulju 1987, dik il-Qorti kienet preokkupata mill-fatt li l-proceduri ta' "*judicial review*" ma kinux jaslu ghal "*determination in accordance with the requirements of Article 6(1) of the parent's rights in regard to access*". Kif inghad, pero', f'dan il-kaz ma hemmx problema ta' access ghax kif gie verbalizzat waqt il-"case conference" li saret fit-13 ta' Marzu 2012, l-Ufficcjali fl-Agenzija jqisu "***importanti***" li l-genituri jattendu ghal-laqghat tal-access mal-minuri. L-iskop kollu tal-procedura inizzjata f'dan il-kaz mhux li ccahhad lill-genituri minn uliedhom, izda biex jigu protetti l-interessi tal-minuri u biex, jekk hu possibbli, il-genituri jigu reintegrati fil-kustodja tat-tfal u ghal dan il-fini, jekk il-

genituri jikkoperaw mal-awtoritajiet, l-interessi u d-drittijiet tal-partijiet kollha interessati jkunu salvagwardati.

Ir-rikorrenti, ifisser, jistghu jsegwu l-progress tal-minuri u meta jridu jitolbu li l-care orders jigu terminati. Meta ssir talba simili, ir-rikjesta tigi investigata mill-organi kompetenti bid-decizjoni ahharija tkun tal-Ministru responsabbli. Kontra din id-decizjoni Ministerjali, jekk ma tkunx favorevoli ghar-rikorrenti, mhux minnu li ma jezistix rimedju adegwat, ghax id-decizjoni titqies "ghemil amministrattiv" soggetta ghal stharrig gudizzjarju fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). F'kaz ta' "judicial review" mitluba mill-qrati ordinarja, hemm possibilita' ta' stharrig l-aktar wiesgha, inkluz possibilita' ta' thassir tad-decizjoni jekk tkun meqjusa "Unreasonable" (ara "Chairman Public Broadcasting Services Ltd vs Awtorita' tax-Xandir", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 2003).

F'kaz ta' "review", il-qorti, hu veru, ma tissostitwixxix id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-organu amministrattiv imqabbad jiehu d-decizjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Eden Leisure Group vs Borg D'Anastasi", deciza fis-27 ta' Gunju 2003, '"*Illum hu car li l-Qorti Civili tista` tissindika l-operat ta' kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwel nett biex tassigura li l-principji ta' gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni, biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik il-Bord.*"

Il-Qorti, pero', tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz biex tara ghandhiex thassar id-decizjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Borg noe v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta", fis-sentenza li tat fl-1 ta' Marzu 2004 osservat in propositu illi:

"*Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa*

*li tingħata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-aħħar ipoteżi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita', għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorita' billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika.*"

Mhux kaz, allura, li ma jezistix rimedju effettiv.

Dwar is-smigh innifsu, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea taghti dritt ghal smigh gust u pubbliku, ghalkemm l-istess artikolu jipprovdi li l-pubbliku jista' jigi eskluz mis-smigh fl-interess tal-minuri, kif jidher li gara f'dan il-kaz. Dwar x'inhu s-smigh gust, wiehed jista' jghid li, bejn wiehed u iehor, dan hu relatat mal-principji ta' gustizzja naturali, cioe', li l-gudikant ikun imparzjali u indipendenti, u l-partijiet fil-kawza jkollhom kull opportunita' jressqu l-kaz taghhom bil-liberta' dovuta. F'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet seduta li, milli jidher, damet sejra madwar tliet sighat; ir-rikorrenti attendew ghas-seduta u kienu debitament assistiti minn avukat ta' fiducja. Il-Qorti semghet zewg xhieda bhala provi tad-direttorat ghall-Harsien Socjali, u seba' xhieda mressqa mir-rikorrenti, inkluz it-tabib mediku tal-familja wara li dan gie ezentat mis-sigriet professjonali. Wara s-smigh tal-provi, il-partijiet inghataw l-opportunita' jressqu s-sottomissjonijiet taghhom b'mod verbali. Mhux il-kaz, allura, li r-rikorrenti ma kellhomx smigh gust, jew li gie lez il-principju ta' "equality of arms", ghax huma kellhom kull opportunita' li jressqu l-argumenti taghhom quddiem il-Qorti.

Ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li s-sentenzi tal-Qorti mhumiex motivati skont il-ligi, pero', din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Tribunal jew Qorti adit b'disputa ma kienx mistenni jew tenut li jaghti ragunament elaborat jew li jikkonfuta kull singolu argument prospettat mill-parti, imma kien jibbasta li jindika dawk l-elementi li fuqhom iffonda l-konvinzjoni tieghu proprja. Il-motivazzjoni tista' tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed a bazi tad-decizjoni (ara "Mercieca v. Water Services Corporation", deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fis-27 ta' Frar 2009).

Fil-kaz in kwistjoni, il-Qorti adita ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tat menzjoni partikolari lit-tabib mediku tal-familja, pero', xorta wahda qieset li kien fl-interess tal-minuri li jibqghu taht care order. Irrizulta lill-Qorti li wiehed mill-minuri kellu griehi serji, u li kienu sehhew tliet incidenti li fihom il-minuri sofra xi forma ta' ksur. Il-Qorti qieset li, a bazi tal-provi, post it-tfal mhux mal-familja tieghu minhabba "***l-periklu car***" li jkunu esposti ghalih.

Il-biza' ta' hsara fuq il-minuri, anke jekk it-tifel Darren, sa issa, ghadu ma soffriex griehi, hija motivazzjoni tajba u legittima ghall-konferma tal-care orders. Mhux kaz, allura, ta' nuqqas ta' raguni ghad-decizjoni; il-biza' ta' dannu lit-tfal, b'possibilita' serja ta' traskuragni da parti tal-omm u/jew is-sieheb taghha, hu bizzejjed biex jiggustifika z-zamma fis-sehh tal-care orders, almenu f'dan l-istadju.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) wiznet sew il-htiega ta' protezzjoni tal-familja mal-interess suprem li jigu protetti l-interessi tal-minuri. Lill-Qorti kien jirrizulta li l-minuri Kiran kellu griehi serji f'rasu: kellu ksur fl-ghadmiet tal-iskutella tar-ras fi tliet postijiet differenti u nstab li kellu wkoll ftit demm fil-mohh li jindika li l-ksur sehh b'qawwa partikolari. Oltre dan kellu ksur f'saqajh ix-xellugija u anke ksur fil-polz tan-naha tal-lemin, li kienu rizultat ta' incidenti precedenti li ma gewx irrapportati. Dan kien jindika li t-tifel kien wegga' fi tliet incidenti separati. Kellha rapport mediku, minn konsulent

fil-pedjatrija, li kien jghid li kollox kien jindika li t-tifel "*had sustained trauma on several occasions*", u li c-cirkostanzi tal-kaz "*make the diagnosis of non-accidental injury highly likely*". L-investigazzjonijiet mill-pulizija ghadhom ghaddejjin, pero', fl-interess tal-minuri, il-Qorti ghamlet sew li ma qaghditx tistenna sakemm forsi, is-sitwazzjoni taggrava. Fil-konfront tal-minuri Darren, dan sal-lum jidher li ma soffriex griehi, pero', din il-Qorti ma tarax li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) uzat id-diskrezzjoni taghha hazin li ma ssugratx thalli tarbija ta' ftit xhur f'idejn omm li ma kinitx taghti affidabilita' ta' kapacita' li trabbi lill-ulieda b'mod adegwat.

Jirrizulta wkoll mill-atti li r-rikorrenti lanqas mhi kapaci zzomm id-dar taghha nadifa. Meta saru viziti a sorpresa nstab li fid-dar kien hemm traskuragni, hmieg u riha qawwija tal-awrina tal-klieb, u li Darren kien qed jitpogga f'pushchair mhux addattat ghall-eta' tieghu u li ma kienx marbut b'riskju li jaqa'. Il-minuri Kiran ghadu ma nghatax it-tilqim kollu necessarju. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jesigix li l-familja ma tigix disturbata ghall-ebda raguni ghax jistghu jezistu cirkostanzi u dan il-kaz juri dan b'mod lampanti, fejn l-interess tal-minuri ghandu jirbah fuq dak tal-familja. Hu ovvju ghal din il-Qorti li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) zammet f'mohhha l-interess tal-familja, pero', kien car li r-riskju ghal sahhet il-minuri kien jidher wiehed kbir u jekk jista' jinghad li zbaljat, ghamlet sew fic-cirkostanzi "to err on the side of the children". F'kazijiet bhal dawn, "zball" kontra l-interessi tal-minuri jista' jkun fatali!

Ma ssibx allura li, fic-cirkostanzi tal-kaz u f'dan l-istadju tal-affarijiet, sar ksur tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess rikorrenti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------